**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 05/10(19_05_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 19 ta' Mejju 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-15 ta' Mejju 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar 2010.
6. Skemi ta' Enerġija Alternattiva għar-Residenti tal-Lokalita'.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 57/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 15062 rigward fondi akkwistati mill-programm Italia-Malta biex jiġu organizzati proġetti relatati mar-riċerka, turiżmu, kultura, ambjent, enerġija u prekawzjoni tar-riskju.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 58/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 14758 rigward in-nefqa f' *mobile phones* mis-Sindki matul is-sena 2009.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 59/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħinijiet ta' Xogħol u Ħinijiet ta' l-Uffiċċju fil-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 60/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 15060 rigward kemm ħa jibbenefikaw kull Kunsill Lokali mill-fondi ewropej fis-sena 2009.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 61/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 16049 rigward l-ibbilanċjar tad-*deficit* finanzjarju permezz ta' kontravvenzjonijiet mhux imħallsa mill-bidu tas-sistema ta' l-LES.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 62/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 16844 rigward it-talbiet minn Segretarji u *Clerks* femminili impjegati ma' Kunsilli Lokali sabiex jaqilbu fuq *reduced hours* wara li kellhom tarbija jew ħarġu *pregnant* fl-aħħar ħames snin.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 63/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning* (Laqgħa Informattiva)'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 64/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17059 rigward safar ta' Sindki u Kunsilliera f' dawn l-aħħar tliet xhur.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 65/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Invit/Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Kulturali Nazzjonali'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 66/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Linji Direttivi dwar il-Kumitati Amministrattivi'.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward l-inizjattiva sabiex jibdew isiru laqgħat regolari mal-Kunsilli Lokali u t-tneħħija ta' kwalunkwe tariffi mitluba lill-Kunsill meta jitniżżlu rapporti dwar applikazzjonijiet ta' l-ippjanar (DPA *reports*) u kundizzjonijiet ta' permessi approvati.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Ambaxxata ta' Spanja rigward is-*Seminar* 'The Road Map for Equality after 2010', fit-12 ta' Mejju 2010, fil-Corinthia Palace Hotel.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permessi – Imwejjed u Siġġijiet' quddiem it-Tmun, Xatt ix-Xlendi, Xlendi.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permessi – Imwejjed u Siġġijiet' quddiem iċ-Churchill Restaurant, il-Bajja tax-Xlendi, Xlendi.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-Minuti tal-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki tas-26 u 27 ta' Frar 2010, fir-Redisson Hotel, San Ġiljan.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. rigward 'Pre-announcement Calls under ESF and ERDF'.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ko-ordinatur Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward '*Stands* – Kunsilli Lokali Għawdxin – Notte Gozitana 2010'.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Customer Services, Ministeru għal Għawdex rigward 'L-Iskema ta' l-Ispiżerija ta' l-Għażla Tiegħek – Ġbir u Mili ta' Formoli ta' Reġistrazzjoni – Għawdex'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-iSport rigward 'MEHFA (Malta Exercise Health and Fitness Association) & KMS (Kunsill Malti għall-iSport) – European Campaign Against Obesity: 21$^{st}$ & 22$^{nd}$ May 2010'.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward Skema ta' Finanzjament lil-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali - attivita' li ser issir fl-24 ta' Ġunju 2010 bejn l-10.00 u l-11.00 ta' filgħodu, fix-Xlendi.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn ġejna mistiedna għall-attivita' fejn ser ningħataw fondi mill-iSkema ta' Finanzjament għal Proġetti Speċjali f' Kunsilli Żgħar'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Roads Department rigward talba biex isir *reconstruction* u *upgrading* ta' Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA rigward il-Permess PA 01150/00 sabiex jitnaddaf il-Wied tax-Xlendi. Il-MEPA qed tinforma lill-Kunsill li l-Garanzija tal-Bank ser tagħlaq u għalhekk trid terġa' tiġġedded għal sena oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pulizija rigward il-proposta tagħhom sabiex isiru *bollards* li jkunu jistgħu jinqalgħu għal meta jkun hemm il-bżonn li tingħalaq it-triq minħabba xi attivita'. Il-Kunsill iħoss li din għalissa m'hijiex prijorita'.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kunsill Lokali Fontana fejn qed jinforma lill-Kunsill li fil-31 ta' Lulju u l-1 t' Awwissu 2010, huma bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika u s-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Kunsill Malti għall-iSport ser jorganizzaw attivita' sportiva fil-Bajja tax-Xlendi. Huma qed jistiednu lill-Kunsill Lokali Munxar sabiex jieħu sehem f' din l-attivita'. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pulizija rigward ilment tal-Kunsill dwar ilma kkontaminat li qed imur fil-Bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill ma reġax irċieva ilmenti bħal dan.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Inkarigat mill-ħaddiema tal-IPSL Għawdex. Peress li qed ikun hemm każijiet fejn ħaddiema jkunu assenti minn fuq il-post tax-xogħol qed jitlob lill-Kunsill biex jgħin fis-sorveljanza ta' dawn il-ħaddiema. Il-Kunsill qed jiġi informat ukoll li ħadd ma huwa awtorizzat li jagħti xi forma ta' inċentiv mingħajr l-approvazzjoni minn qabel. Il-Kunsill huwa obligat ukoll li barra jipprovdi l-materjal, jipprovdi wkoll l-għodda neċessarja.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 05/10(19_05_10).

**5.00 Sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar 2010.**

5.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Tonio Galea, Kappillan tal-Munxar. Huwa f' isem il-Kumitat Organizzattiv tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali biex għall-okkażjoni tal-Festa Parrokkjali, l-Kunsill jisponsorja:

- Is-Serata Tradizzjonali nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2010 mill-Astra Folk Group li tkun €233.
- L-*entertainment* li jsir il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju 2010 waqt l-Ikla tal-Festa minn Spiteri Lucas Entertainment li tkun €550.
- Banda ta' l-Iscouts għat-Translazzjoni s-Sibt, 29 ta' Mejju 2010. €280 għall-Banda + spejjeż vapur (inklużi) u jipprovdi trasport Mġarr – Munxar – Mġarr.
- P.A. *system* għall-Ħamis u għall-Ġimgħa, 27 u 28 ta' Mejju 2010.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-prezz għas-Serata tal-Ġimgħa, 28 ta' Mejju 2010, mal-prezz irid jiżdied il-VAT, jiġifieri ser ikun ta' €649.

Il-Kunsill qabel mat-talbiet tal-Kappillan.

5.02 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li s-soltu l-Kunsill iħallas għall-*High-Up* ta' l-armar u l-*Mobile Toilets* li din is-sena ser isiru mit-Tlieta sal-Ħadd. Kien hemm qbil dwar dan.

**6.00 Skemi ta' Enerġija Alternattiva għar-Residenti tal-Lokalita'.**

6.01 Il-Kunsill kien ħareġ sejħa fil-gazzetti sabiex Kumpaniji joffru skema ta' enerġija alternattiva għar-residenti u stabbilimenti kummerċjali tal-Munxar u Xlendi. Kienu wrew interess tliet Kumpaniji u sabiex jiġu evalwati dawn l-offerti l-Kunsill talab il-parir tekniku ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. Issa peress li r-rapport għadu ma tlestiex, il-Kunsill kien ser jiddiskuti din l-*item* fil-laqgħa li jmiss.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Bħalissa l-ħaddiema ta' l-IPSL qed jiżbgħu r-*railings* tax-Xlendi u l-marki ta' l-art. Qed jinbena l-ħajt ta' Triq il-Kappar u qed jiksu xi ħitan tal-passaġġ fil-*Playing Field* il-ġdida. Il-Latrini tax-Xlendi nżebgħu mill-ħaddiema tal-Beach Cleaners. Issa qed isiru l-preparamenti sabiex jinbeda l-*patching* bit-tarmak fit-toroq ewlenin tal-Munxar.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret *expression of interest* lill-MEUSAC dwar applikazzjoni għall-Enerġija Alternattiva. Hemm il-ħsieb li l-Kunsill japplika għat-Torri tax-Xlendi b' sistema ta' *batteries* u għall-Mitħna tax-Xlendi li tkun imqabbda mas-sistema tad-dawl. Peress li hemm il-possibilta' li l-Kunsill idaħħal miegħu NGO's, qed jiġi kkunsidrat iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill irid jesplora idejat dwar fejn hu possibbli li jsiru fanali jixegħlu bix-xemx u jidher biċ-ċar li l-post l-aktar ideali huwa Triq Ras il-Bajjada.

8.02 Il-Kunsill ħa sehem fin-Notte Gozitana fejn kien hemm *stands* għal kull Kunsill.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fit-28 ta' Mejju 2010, 65 persuna mill-Kumpanija PWC ser inaddfu t-Torri tax-Xlendi. Il-Kunsill huwa mistieden ukoll.

8.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit Saliba ser jiltaqa' mal-Kuntrattur MPJ Ltd. sabiex jibda jsir il-kejl tax-xogħlijiet li saru fil-*Playing Field* il-ġdida u l-WiFi tax-Xlendi ser isir fil-ġranet li ġejjin.

8.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-*merry-go-round* m'hijiex ser titwaħħal peress li m'hemmx wisa' biżżejjed biex titwaħħal maġenb il-*play house* u biex issir maġenb il-bandli jkun hemm il-bżonn li jinqalgħu 15-il metru kwadru ta' madum. Ġie ssuġġerit li l-*merry-go-round* titwaħħal fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, aktar 'il quddiem.

8.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex fejn ġie informat li x-xogħlijiet fi triq tax-Xlendi ser jibdew mill-1 ta' Ġunju 2010. Ser isiru *Diversion Signs* mit-*Traffic Lights* tax-Xewkija sax-Xlendi u ser jitpoġġew żewġ *Wardens* fi Triq San Xmun ħalli jidderieġu t-traffiku. Il-Kunsill ser jagħmel xogħol ta' *patching* bit-tarmak u jiżdied id-dawl minn fejn ser jiġi devjat it-traffiku u jinżebgħu l-i*street markings*. Is-Sindku talab sabiex ma jsir l-ebda devjazzjoni ta' traffiku għal ġo Triq il-Munxar f' ebda ħin tal-ġurnata qabel ma tiġi diskussa mal-Kunsill.

Is-Sindku qal li ġie mitlub li Triq il-Munxar issir *One Way* jew *parking* fiha ma jsir xejn ħalli tibqa' *Two Way*. Is-Sindku qal li ma jaqbilx għaliex jekk tkun *One Way* ser tkun problema għar-residenti kif ukoll ikun hemm problemi jekk ħadd ma jkun jista' jipparkja għaliex it-triq dejqa, twila u ħafna ma għandhomx *garage*. Għalhekk is-Sindku ma aċċettax u talabhom jagħtuh żmien sakemm tiġi diskussa l-Kunsill, l-għada. Dawk preżenti qablu li ma jsir l-ebda devjazzjoni ta' traffiku fi Triq il-Munxar.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-magna li hemm fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi tranġat u ġiet startjata xi ġimgħat ilu. Dan seta' jsir b' dedikazzjoni u *know how* li għandhom il-ħaddiema li qed jagħmlu x-xogħlijiet peress li l-magna kienet instabet f' kundizzjoni ħażina ħafna.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għada l-Ħamis, 20 ta' Mejju 2010 kien ser jiġi ffirmat il-ftehim bejn il-Kumpanija Green MT Ltd. u l-Kunsilli Lokali ta' Fontana, Għajnsielem, Għarb, Għasri, Kerċem, Munxar, Nadur, Qala, Rabat - Għawdex, San Lawrenz u Żebbuġ - Għawdex għall-Inizjattiva Ambjentali Sostenibbli lejn Komunitajiet aktar Nodfa. Dan il-ftehim ser ikopri l-ġbir ta' skart tal-ippakkeġġjar.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri qed jissuġġerixxi sabiex issir xi ħaġa fil-Pjazza tal-Knisja u fi Triq San Pawl sabiex it-traffiku jkun jista' jikkalma. Huwa qed jissuġġerixxi wkoll li jsiru tliet arbli bil-bnadar fid-daħla tal-Munxar. Il-Kunsill ser jikkonsidra dawn il-proposti.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Peress li l-Kunsill ġie mistieden minn Mons. Franġisk Debrincat fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, s-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri rigal.

11.02 Is-Sindku irċieva l-lista ta' apparat li għandu bżonn il-*group* li qed jitlob li jagħmel Kunċert fix-Xlendi bejn l-10 u s-17 ta' Ġunju 2010. Is-Sindku ser jiġbor l-istimi u jinforma lill-membri tal-Kunsill bl-istima totali.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Ġunju 2010, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***